MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru 707/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**MARY ROSE BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Rose Borg, bint Carmelo u Doris nee’ Portelli, imwielda Pieta’ fl-4 ta’ Novembru 1966, residenti gewwa 6, Flat 6, Triq San Nikola, Valletta u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 448166(M).

Illi hija akkuzata, nhar is-26 ta’ April 2008 f’Bormla u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer, bil-hsieb li taghmel hsara lil Christopher Borg, akkuzat quddiem awtorita’ kompetenti b’reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti;

Illi hija akkuzata talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bil-qerq halqet jew gieghelet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja b’reat;

U aktar talli offendiet il-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputata (a fol.10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata fil-verbal datat 10 ta’ Gunju 2010 (a fol.36);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Mary Rose Borg**, hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 101, 110 u 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tqieghed lill-imputata taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’**

**sentejn taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata, il-fedina penali nadifa netta taghha u l-fatt illi l-imputat kienet diga' minn jedda irtirat mal-Pulizija, l-akkuzi foloz kollha maghmulin minnha fi zmien tnax (12)-il siegha.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------